# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Att Akkuza Nru 374/2000

**Il-Pulizija**
**(AC Alexandra Farrugia Mamo)**

**kontra**

**Emanuel Schembri**

Illum, 14 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-kap ta' akkuzi ipprezentati fit-23 ta' Mejju 2000 quddiem il-Qorti Kriminali kontra **Emanuel Schembri** ta' 35 sena, iben Francis u Annunziata nee' Sciberras, imwieled Pieta fit-23 ta' Awwissu 1964 u residenti Holly Hedge, Triq l-Irmigg, Marsascala, u detentur tal-karta tal-identita numru 442464 (M) li kienu s-segwenti:

*Illi talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:*

*(a) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni fuq invoices u delivery notes, ircevuti u dokumenti ohra ta' Muscat General Stores, R.H.F Industries Limited u kumpaniji ohra, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(b) Talli appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgid mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha diversi oggetti konsistenti f'White Goods Household Appliances li jammontaw ghal aktar minn Lm 1,000 u li jappartjenu lil Muscat General Stores u R.H.F. Industries Limited, liema appliances kienu gew fdati lilu bl-*

*obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depositu necessarju bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(c) *B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar min Lm 1,000 bi hsara ta' Muscat General Stores, R.H.F. Industries Limited u diversi persuni bi ksur tal-Artikoli 308 u 309 u 310(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni mibdija fit-2 ta' Awwissu 2000 u x-xhieda hemm inkluza u pprezentati quddiem dina l-Qorti, partikolarment is-segwenti:

- Ix-xhieda ta' l-**Ispettur Alexandra Mamo** (fol 30) u **Adrian Busietta** (fol 67) moghtija fil-25 ta' Ottubru 2002 u **Vincent Vassallo** (fol 82) moghtija fid-19 ta' Mejju 2003.

Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2002 saret l-ewwel dehra quddiem il-Qorti Kriminali fejn gew ezebiti l-kunsens tal-Avukat Generali, fedina penali u estratt mill-att tat-twelid.

Rat id-dokumenti esebiti fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2002.

Rat illi fis-seduti ta' bejn it-13 ta' Ottubru 2003 u l-5 ta' Awwissu 2008 l-imputat imsejjah diversi drabi qatt ma deher u sat-13 ta' Marzu 2012 fis-seduti sussegwenti qatt ma sar xejn.

Rat illi fit-13 ta' Marzu 2012 il-kawza giet differita sine die.

Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2017 il-kaz gie assenjat lill-Magistrat Sedenti.

Rat illi il-Qorti, kif ippresjeduta, appuntant il-kaz ghas-smiegh ghat-23 ta' April 2018.

Rat illi fit-23 ta' April 2018 il-Prosekuzzjoni iddikkjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipprezenta u l-kawza giet differita ghall-provi difiza.

Rat illi fis-seduti ta bejn il-15 ta' Mejju  2018 u l-10 ta' Jannar 2019 ma sar xejn.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019, il-partijiet gharrfu l-Qorti illi l-kaz odjern huwa kaz antik hafna u c-cirkostanzi tal-akkuzat illum il-gurnata inbidlu u ghalhekk ikun opportun li din il-Qorti timxi bil-klemenza fil-konfront tal-akkuzat, liema posizzjoni giet ukoll imhaddna mill-prosekuzzjoni, li wkoll fehmet ic-cirkostanzi tal-kaz.

Il-Qorti,

Wara illi semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Wara li ssospendiet is-seduta fattwalment u tat l-fakolta’ lill-imputat sabiex johrog mill-awla u jikkonsulta ma’ l-avukat tieghu barra mill-awla;

Wara illi regghet sejjhet il-kawza u rega’ deher l-akkuzat debitament assistit;

Wara illi staqsiet lill-imputat esplicitament jekk inghatax zmien bizzejjed biex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu u semghetu jikkonferma illi inghata zmien bizzejjed;

Wara illi staqsiet lill-imputat esplicitament jekk fehemx l-imputazzjonijiet kollha;

Wara illi staqsiet lill-imputat esplicitament jekk jafx x’inhi l-piena ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet u semghetu jikkonferma illi jaf; u

Wara illi l-Qorti nformat lill-imputat bil-pieni applikabbli ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet.

Wara illi rat l-artikoli 183, 184, 293, 294, 308, 309 u 310 (l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur